



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 13 ta' Frar 2009(16.2)
(OR.fr)**

**17271/1/08
REV 1**

CONCL 5

NOTA TA' TIFSIR

Minn: Presidenza

Lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSELL
11 U 12 TA' DIĊEMBRU 2008**

KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża l-verżjoni riveduta tal-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell (11 u 12 ta' Diċembru 2008).

Il-Kunsill Ewropew iltqa' fil-11 u t-12 ta' Diċembru 2008 u approva Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku, ekwivalenti għal madwar 1,5% tal-PDG tal-Unjoni Ewropea (ċifra ekwivalenti għal madwar EUR 200 biljun). Dan il-pjan jikkostitwixxi l-qafas komuni tal-isforzi li saru mill-Istati Membri u mill-Unjoni Ewropea, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tagħhom u b'hekk jirriżultaw l-akbar effetti. Il-Kunsill Ewropew laħaq ukoll ftehim dwar il-Pakkett Enerġija/Tibdil fil-Klima, li għandu jippermetti li dan il-pakkett jiġi ffinalizzat mal-Parlament Ewropew sa tmiem is-sena. Dan il-progress deċiżiv ser jippermetti lill-Unjoni Ewropea tonora l-impenji ambizzjużi meħuda f'dan il-qasam fl-2007 u li żżomm ir-rwol mexxej tagħha fit-tiftix ta' ftehim globali ambizzjuż u komprensiv f'Kopenhagen matul is-sena li ġejja. Il-Kunsill Ewropew wera r-rieda tiegħu, permezz ta' deċiżjonijiet konkreti, li jagħti spinta ġdida lill-Politika Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difiża sabiex jintlaqgħu l-isfidi l-ġodda tas-sigurtà tagħha. Finalment, il-Kunsill Ewropew iddiskuta elementi maħsuba biex iwieġbu għat-tħassib espress waqt ir-referendum Irlandiż u ddefinixxa approċċ sabiex jippermetti lit-Trattat ta' Lisbona jidħol fis-seħħ qabel tmiem l-2009.

o
o o

Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew kienet ippreċeduta minn preżentazzjoni tas-Sur Hans-Gert Pöttering, President tal-Parlament Ewropew, u li kienet segwita minn skambju ta' fehmiet.

o
o o

I. Trattat ta' Lisbona

1. Il-Kunsill Ewropew jirriafferma li t-Trattat ta' Lisbona huwa meqjus bħala meħtieġ sabiex jgħin lill-Unjoni mkabbra biex tiffunzjona b'mod aktar effiċjenti, aktar demokratiku u aktar effettiv inkluż fl-affarijiet internazzjonali. Bil-għan li t-Trattat ikun jista' jidħol fis-seħħ sa tmiem l-2009, il-Kunsill Ewropew, filwaqt li jirrispetta l-għanijiet u l-oġettivi tat-Trattati, iddefinixxa l-approċċ li ġej.

2. Dwar il-kompożizzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill Ewropew ifakkar li t-Trattati li huma fis-seħħ attwalment jirrikjedu li l-għadd ta' Kummissarji jitnaqqas fl-2009. Il-Kunsill Ewropew jaqbel li dment li t-Trattat ta' Lisbona jidħol fis-seħħ, ser tittieħed deċiżjoni, skont il-proċeduri legali meħtieġa, sabiex il-Kummissjoni tibqa' tinkludi ċittadin wieħed ta' kull Stat Membru.
3. Il-Kunsill Ewropew innota b'attenzjoni l-preokkupazzjonijiet l-oħra tal-poplu Irlandiż ippreżentati mill-Prim Ministru Irlandiż, kif iddikjarati fl-Anness 1, dwar il-politika fiskali, il-familja, u l-kwistjonijiet soċjali u etiċi, u l-Politika Komuni ta' Sigurtà u Difiża fir-rigward tal-politika tradizzjonali ta' newtralità tal-Irlanda. Il-Kunsill Ewropew jaqbel li, dment li l-Irlanda tiegħu l-impenn imsemmi fil-paragrafu 4, it-tfassil kollu li jinsab fid-dikjarazzjoni msemmija għandu jkun indirizzat għas-sodisfazzjon reċiproku tal-Irlanda u tal-Istati Membri l-oħrajn.

Il-garanziji legali neċessarji ser jingħataw fuq it-tliet punti li ġejjin:

- l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona ma tibdel bi kwalunkwe mod, għall-ebda Stat Membru, il-firxa jew l-implimentazzjoni tal-kompetenzi tal-Unjoni fir-rigward tat-tassazzjoni;
- it-Trattat ta' Lisbona ma jippreġudikax il-politika ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri, inkluż il-politika tradizzjonali ta' newtralità tal-Irlanda, u l-obbligi tal-bieċa l-kbira tal-Istati Membri l-oħra;
- garanzija li d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni Irlandiża dwar id-dritt għall-ħajja, l-edukazzjoni u l-familja ma jintlaqtu bl-ebda mod mill-attribuzzjoni mit-Trattat ta' Lisbona ta' status legali għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u mid-dispożizzjonijiet tat-trattat imsemmi dwar il-ġustizzja u l-affarijiet interni.

Barra minn hekk, ser tkun ikkonfermata l-importanza kbira mogħtija lill-kwistjonijiet, inkluż id-drittijiet tal-ħaddiema, stabbiliti fil-paragrafu (d) tal-Anness 1.

4. Fid-dawl tal-impenji ta' hawn fuq meħuda mill-Kunsill Ewropew, u soġġett għat-tlestija sodisfaċenti tal-ħidma ta' segwitu dettaljata sa nofs l-2009 u fuq is-suppożizzjoni li dawn jiġu implimentati b'mod sodisfaċenti, il-Gvern Irlandiż huwa impenjat li jfittex ir-ratifika tat-Trattat ta' Lisbona sa tmiem il-mandat tal-Kummissjoni attwali.

II. Kwistjonijiet ekonomiċi u finanzjarji

5. Il-kriżi ekonomika u finanzjarja hija kriżi dinjija. Huwa għalhekk li l-Unjoni Ewropea qiegħda taħdem mill-qrib mas-sħab internazzjonali tagħha. Is-summit li sar f'Washington fil-15 ta' Novembru 2008 fuq inizzjattiva tal-Unjoni Ewropea ddefinixxa programm ta' ħidma ambizzjuż bil-għan tar-rilanċ koordinat tal-ekonomija dinjija, ta' regolamentazzjoni aktar effettiva tas-swieq finanzjarji, ta' governanza dinjija mtejba u ta' ċaħda tal-protezzjoniżmu. Huwa għandu jkun implimentat skont l-iskeda ta' żmien stabbilita. Il-Kunsill huwa mistieden jorganizza t-tnejn ta' din il-ħidma mal-Kummissjoni u jirrapporta lill-Kunsill Ewropew tar-rebbiegħa 2009 dwar il-progress tagħha, fil-perspettiva tas-summit li jmiss li ser isir fit-2 ta' April li ġej f'Londra.
6. L-Ewropa ddefinixxiet, b'mod koordinat, il-miżuri ta' emerġenza meħtieġa biex is-sistema finanzjarja terġa' tibda tiffunzjona kif suppost u l-atturi ekonomiċi jerġgħu jakkwistaw il-fiduċja. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-hteġġa li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiffinalizzaw dawn il-miżuri mingħajr dewmien. Huwa jappella għall-implimentazzjoni kompleta u rapida tagħhom, bl-appoġġ tal-atturi kkonċernati kollha, skont il-qafas stabbilit mill-Kunsill fit-2 ta' Diċembru 2008. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-banek u lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex jagħmlu użu sħiħ mill-faċilitajiet offruti lilhom biex iżommu u jappoġġaw il-krediti għall-ekonomija kif ukoll biex japplikaw għal min jissellef it-tnaqqis tar-rati ta' interess ċentrali. F'dan ir-rigward huwa meħtieġ li jkun żgurat li l-miżuri ta' qafas komuni, b'mod partikolari l-mekkaniżmi ta' garanzija, ikunu applikati effettivament b'mod li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-ispiża tal-finanzjament tal-istituzzjonijiet finanzjarji għall-benefiċċju tal-impriżi u tal-familji.

7. Is-swieq finanzjarji għadhom fraġli. Jeħtieġ li nibqgħu attenti u li nkomplu nimplimentaw bi prijorità l-miżuri maħsuba biex isaħħu l-istabbiltà, is-superviżjoni u t-trasparenza tas-settur finanzjarju, b'mod partikolari dawk previsti bil-pjan direzzjonali tal-Kunsill ECOFIN. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jixtieq li n-negozjati mal-Parlament Ewropew iwasslu għall-adozzjoni rapida tad-deċiżjonijiet leġislattivi li dwarhom il-Kunsill qabel fuq approċċ generali¹. Huwa jappella wkoll għal deċiżjonijiet rapidi dwar is-suġġetti prijoritarji l-oħrajn identifikati, partikolarment l-aġenziji ta' klassifikazzjoni ta' kreditu, is-superviżjoni finanzjarja u l-istandards tal-kontabbiltà.
8. Il-kriżi finanzjarja bħalissa qiegħda tolqot l-ekonomija negattivament. Iż-żona tal-euro, u anke l-Unjoni kollha kemm hi, huma mhedda minn reċessjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, l-Ewropa ser taġixxi b'mod unit, qawwi, rapidu u deċiż biex tevita ċirku vizzjuż tar-reċessjoni u tappoġġa l-attività ekonomika u x-xogħol. Hija ser timmobilizza l-istrumenti kollha li għandha u ser taġixxi b'mod miftiehem sabiex jiġi massimizzat l-effett tal-miżuri meħudin mill-Unjoni u minn kull Stat Membru. F'dan il-kuntest, il-linji ta' politika ta' protezzjoni u inklużjoni soċjali tal-Istati Membri għandhom rwol importanti wkoll.
9. Il-Kunsill Ewropew jaqbel dwar Pjan Ewropew għar-Rilanċ Ekonomiku, li huwa spjegat hawn taħt. Dan il-Pjan ser jikkostitwixxi qafas koerenti għall-azzjoni li għandha titwettaq fil-livell tal-Unjoni kif ukoll għall-miżuri deċiżi għal kull Stat Membru b'kont meħud tas-sitwazzjoni ta' kull wieħed. Fid-dawl tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2008, huwa jserraħ fuq sforz ekwivalenti għal madwar 1,5% tal-PDG tal-Unjoni Ewropea. Huwa jipprevedi wkoll it-tnedija ta' azzjonijiet prijoritarji maħsuba biex jaċċelleraw l-aġġustament tal-ekonomiji tagħna għall-isfidi attwali.
10. F'dan il-kuntest, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali l-oħrajn naqqsu konsiderevolment ir-rati ta' interess tagħhom; b'dan il-mod dawn qed jappoġġaw tkabbir mhux inflazzjonarju u jikkontribwixxu għall-istabbiltà finanzjarja.

¹ Abbozzi ta' Direttivi dwar l-esiġenzi tal-fondi proprji tal-banek, dwar is-solvenza tal-kumpanniji tal-assigurazzjoni, dwar l-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli u dwar il-protezzjoni tad-depożiti ta' min ifaddal.

11. Fir-rigward tal-azzjoni li tirriżulta mill-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew jappoġġa partikolarment:

- iż-żieda min-naħa tal-Bank Ewropew tal-Investiment tal-interventi tiegħu, għal ammont ta' EUR 30 biljun fl-2009/2010, b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-impriżi żgħar u medji, għall-enerġija rinnovabbli u għat-trasport nadif partikolarment għall-benefiċċju tal-industrija tal-karozzi, kif ukoll il-ħolqien ta' Fond Ewropew 2020 għall-enerġija, it-tibdil fil-klima u l-infrastruttura ("Fond Marguerite") fi sħab mal-investituri istituzzjonali nazzjonali;
- is-simplifikazzjoni tal-proċeduri u l-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programmi ffinanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni, il-Fondi Strutturali jew il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali bil-ħsieb tat-tisħiħ tal-investimenti fl-infrastrutturi u fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika;
- abbażi ta' lista ta' proġetti konkreti li ser tippreżenta l-Kummissjoni b'kont meħud ta' bilanċ ġeografiku adegwat, il-mobilizzazzjoni tal-possibbiltajiet li jippermettu, fil-qafas tal-baġit Komunitarju, li jissaħħu l-investimenti f'dawn is-setturi u li jiġi żviluppat, permezz ta' inċentivi regolatorji, il-broadband Internet, inkluż fiż-żoni li mhumiex koperti tajjeb;
- it-tnedija rapida mill-Fond Soċjali Ewropew ta' azzjonijiet supplimentari b'appoġġ għall-impjiegi, partikolarment għall-benefiċċju tal-gruppi l-aktar vulnerabbli fil-popolazzjoni, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-impriżi l-aktar żgħar billi titnaqqas l-ispiża tax-xogħol li mhix relatata mas-salarji;
- il-mobilizzazzjoni favur l-impjiegi f'setturi prinċipali tal-ekonomija Ewropea b'mod partikolari permezz tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, inkluż permezz tat-titjib u t-tħaffif tal-proċeduri tiegħu;
- il-possibbiltà, għall-Istati Membri li jixtiequ, li japplikaw rati tal-VAT mnaqqsa f'ċerti setturi: il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kunsill ECOFIN biex isolvi din il-kwistjoni qabel Marzu 2009;

- l-eżenzjoni temporanja ta' sentejn lil hinn mil-limitu "de minimis" fil-qasam tal-ghajjnuna mill-Istat għal ammont ta' mhux aktar minn EUR 500 000 u l-adattament tal-qafas meħtieġ biex jikber l-appoġġ għall-impriżi, partikolarment l-SMEs, kif ukoll l-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan ta' azzjoni għal Att dwar in-Negożji ż-Żgħar ("Small Business Act") adottat mill-Kunsill fl-1 ta' Diċembru 2008;
- l-użu, għall-2009 u l-2010, tal-proċeduri aċċellerati fid-direttivi dwar l-akkwist pubbliku, li hu ġustifikat min-natura eċċezzjonali tas-sitwazzjoni ekonomika attwali, sabiex jitnaqqas minn 87 jum għal 30 jum it-tul tal-proċess ta' sejħiet għall-offerti għall-proċeduri li jintużaw l-aktar komunement għall-proġetti pubbliċi l-kbar;
- it-tkomplija tat-tnaqqis ġenerali u sostanzjali tal-piżijiet amministrattivi għall-intrapriżi.

Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jadottaw id-deċiżjonijiet meħtieġa, inkluż, skont il-każ, fir-rigward tal-qafas regolatorju, b'rispett sħiħ għall-Perspettivi Finanzjarji attwali u għall-proċeduri tal-ftehim interistituzzjonali skont skeda ta' żmien mġahġġla kemm jista' jkun.

12. Fil-livell tagħhom, l-Istati Membri diġà hađu għadd ta' miżuri importanti, li jissodisfaw is-sitwazzjoni proprja tagħhom u jirriflettu spazji ta' manuvrar differenti. Fid-dawl tad-dimensjoni tal-kriżi, huwa meħtieġ sforz akbar u kkoordinat, fil-qafas ta' approċċ komuni li jserraħ fuq il-linji gwida li ġejjin:

- il-miżuri ta' appoġġ fuq talba għandu jkollhom effett immedjat, ikunu temporanji u mmirati lejn is-setturi l-aktar milquta u l-aktar importanti fir-rigward tal-istruttura tal-ekonomija (pereżempju l-industrija tal-karozzi u dik tal-kostruzzjoni);
- skont is-sitwazzjonijiet nazzjonali dawn il-miżuri jistgħu jieħdu l-forma ta' żieda tan-nefqa pubblika, ta' tnaqqis għaqli tal-pressjoni fiskali, ta' tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, ta' appoġġi għal ċerti kategoriji ta' impriżi jew ta' għajjnuna diretta għall-familji, partikolarment dawk l-aktar vulnerabbli;
- huma għandhom ikunu akkumpanjati minn sforz akbar ta' implimentazzjoni tar-riformi strutturali fil-qafas tal-Istrateġija ta' Lisbona. Dawn ir-riformi ser ikunu orjentati lejn finanzjament akbar tal-investiment u tal-infrastrutturi, titjib tal-kompetittività tal-impriżi, appoġġ akbar mogħti lill-SMEs u promozzjoni tal-impjiegi, tal-innovazzjoni, tar-riċerka u l-iżvilupp kif ukoll tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

13. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-fatt li l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir rivedut jibqa' l-pedament tal-qafas baġitarju tal-UE. Hu joffri l-flessibbiltà li tippermetti l-implimentazzjoni tal-miżuri kollha tal-pjan ta' rilanċ. Konxju li dawn tal-aħħar ser ikabbru temporanjament id-defiċit, il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn sħiħ tiegħu favur finanzi pubbliċi sostenibbli u jappella lill-Istati Membri biex, konformement mal-Patt, u bir-ritmu tar-rilanċ ekonomiku, jerġgħu lura kemm jista' jkun malajr lejn l-oġġettivi baġitarji ta' terminu medju tagħhom.
14. Fiċ-ċirkostanzi attwali, l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni għandha tissodisfa wkoll il-ħtieġa ta' azzjoni rapida u flessibbli. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' b'mod partikolari l-adozzjoni ta' linji gwida ġodda mill-Kummissjoni għall-istituzzjonijiet finanzjarji u jappella għall-implimentazzjoni mill-aktar fis possibbli tagħhom.
15. Il-Kunsill Ewropew huwa konvint li dan il-pjan ta' rilanċ ambizzjuż, li hu konverġenti mal-inizjattivi simili implimentati mill-ekonomiji prinċipali l-oħrajn tad-dinja, ser jagħti kontribut deċiżiv għar-ritorn mgħaġġel tal-ekonomija Ewropea lejn it-triq tat-tkabbir u tal-ħolqien tal-impjiegi. Huwa ser jevalwa, mil-laqgħa tiegħu ta' Marzu 2009, kemm l-implimentazzjoni tal-pjan ta' rilanċ tkun saret sew u jkun jista' jżid miegħu jew jadattah skont il-ħtieġa.
16. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jidħlu fi djalogu mal-pajjiżi li jipproduċu ż-żejt u l-gass biex ifittxu l-mezzi ta' stabbilizzazzjoni dejjiema tal-prezzijiet tal-enerġija.
17. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-oġġettiv li din is-sena jintlaħaq, fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, ftehim dwar il-modalitajiet li jwasslu għall-konklużjoni tal-programm ta' Doha għall-iżvilupp b'riżultat ambizzjuż, globali u bbilanċjat.

18. L-Ewropa għandha tkompli tinvesti fil-ġejjieni tagħha. Il-prosperità futura tagħha tiddependi minn dan. Il-Kunsill Ewropew jappella għat-tnedija ta' pjan Ewropew għall-innovazzjoni, b'rabta mal-iżvilupp taż-Żona Ewropea tar-Riċerka kif ukoll ir-riflessjoni dwar il-ġejjieni tal-Istrateġija ta' Lisbona lil hinn mill-2010, li jinkludi l-kondizzjonijiet kollha tal-iżvilupp sostenibbli u t-teknoloġiji ewlenin tal-ġejjieni (partikolarment l-enerġija, it-teknoloġiji tal-informazzjoni, in-nanoteknoloġiji, it-teknoloġiji tal-ispazju u s-servizzi li jirriżultaw minnhom, u x-xjenzi relatati mal-ħajja).

III. L-enerġija u t-tibdil fil-klima

19. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-riżultat tal-ħidma li saret mal-Parlament Ewropew, fil-qafas tal-kodeċizzjoni, li ppermettiet li jintlaħaq qbil wiesgħa fil-prinċipju dwar il-parti l-kbira tal-erba' proposti tal-pakkett leġislattiv dwar l-enerġija u l-klima. Huwa jilqa' wkoll il-ftehim komplet dwar il-proposti leġislattivi dwar l-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi ħfief, il-kwalità tal-karburanti u d-Direttiva dwar Sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli.
20. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta dwar l-aspetti tal-implimentazzjoni tal-pakkett u dwar xi kwistjonijiet li għadhom pendenti. Huwa laħaq qbil dwar l-elementi msemija fid-dokument 17215/08.
21. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex ifittex ftehim mal-Parlament Ewropew abbażi ta' dan ta' hawn fuq sabiex jippermetti qbil fl-ewwel qari dwar il-pakkett sħiħ qabel tmiem is-sena.

22. Dan il-pakkett ser jiżgura l-implimentazzjoni tal-impenji ambizzjużi fil-qasam enerġetiku u klimatiku meħudin mill-Unjoni Ewropea f'Marzu 2007 u Marzu 2008, partikolarment l-oġettiv tat-tnaqqis b'20% tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra sal-2020. Il-Kunsill Ewropew jirriafferma l-impenn tal-Unjoni Ewropea li żżid dan it-tnaqqis għal 30% fil-qafas ta' ftehim globali ambizzjuż u komprensiv f'Kopenhaġen dwar it-tibdil fil-klima għal wara l-2012 bil-kondizzjoni li l-pajjiżi żviluppanti l-oħrajn jimpenjaw ruħhom biex jilhqgħu tnaqqis ta' emissjonijiet komparabbli u li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw aktar avvanzati ekonomikament jikkontribwixxu adegwatament skont ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom.
23. F'Marzu 2010, il-Kummissjoni ser tippreżenta lill-Kunsill Ewropew analiżi dettaljata tar-riżultati tal-Konferenza ta' Kopenhaġen, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-bidla ta' tnaqqis minn 20% għal 30%. Abbażi ta' dan il-Kunsill Ewropew ser jivvaluta s-sitwazzjoni, inklużi l-effetti fuq il-kompetittività tal-industrija Ewropea u tas-setturi l-oħra ekonomiċi.
24. Fil-kuntest ta' dan il-ftehim u tal-pjan ta' rilanċ ekonomiku, huwa essenzjali li jiġu intensifikati l-azzjonijiet bil-ħsieb li titjieb l-effiċjenza enerġetika tal-bini u tal-infrastruttura tal-enerġija, jiġu promossi l-"prodotti ekoloġiċi", u jiġu appoġġati l-isforzi tal-industrija tal-karozzi bil-mira li tipproduċi vetturi li jirrispettaw aktar l-ambjent.
25. L-isforzi tal-Unjoni kontra t-tibdil fil-klima jimxu id f'id ma' azzjoni determinata sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tagħha fl-enerġija, inklużi l-interkonnessjonijiet u l-konnessjoni tal-pajjiżi l-iktar iżolati tal-Ewropa kollha. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jitlob lill-Kunsill, abbażi tal-linji gwida ddefiniti fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2008, li jsir eżami rapidu tal-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Sigurtà u s-Solidarjetà fl-Enerġija ppreżentat mill-Kummissjoni, bil-ħsieb tal-laqgħa tiegħu ta' Marzu 2009.

IV. Politika Agrikola Komuni

26. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza tal-ftehim li ntlaħaq fil-Kunsill dwar il-"Verifika tas-Saħħa" tal-Politika Agrikola Komuni.
27. Il-Kunsill Ewropew jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-isforzi mwettqa mill-Irlanda biex tindirizza s-sitwazzjoni rigward il-laħam tal-majjal, kif ukoll għall-miżuri ta' prekawżjoni adottati minnha fi żmien qasir. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġa lir-raħħala u l-bieċeriji fl-Irlanda billi tikkofinanzja miżuri mmirati biex l-annimali u l-prodotti kkonċernati jiġu rtirati mis-suq.

V. Relazzjonijiet esterni u Politika Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difiża

Politika Ewropea tal-Viċinat

28. Il-Kunsill Ewropew jendorsja l-linji gwida li rriżultaw matul il-laqgħa ministerjali li saret f'Marsilja fit-3 u l-4 ta' Novembru 2008, li ppermettew li jiġu ppreċizzati l-modalitajiet tal-funzjonament tal-Unjoni għall-Mediterran. Huwa jappella, fil-qafas tal-istrutturi hekk stabbiliti, għall-issuktar tal-implimentazzjoni ambizzjuża ta' din l-inizjattiva fid-dimensjonijiet kollha tagħha.
29. Bl-istess mod, is-Sħubija tal-Lvant ser tippermetti t-tisħiħ sinifikattiv tal-politika tal-UE fir-rigward tas-sħab tal-Lvant tal-Politika Ewropea tal-Viċinat¹ f'qafas bilaterali u multilaterali, b'mod komplementari għall-forom l-oħra ta' kooperazzjoni li diġà jeżistu fil-viċinat tal-Unjoni, bħas-"Sinerġija tal-Baħar l-Iswed", li għandu jittieħed kont tagħhom. Is-Sħubija tal-Lvant għandha tgħin lill-pajjiżi sħab biex jimxu 'l quddiem fil-proċessi tagħhom ta' riforma u b'hekk tgħin anke l-istabbiltà u t-tqarrib tagħhom lejn l-UE. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-proposti ppreżentati mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tat-3 ta' Diċembru 2008 u jinkariga lill-Kunsill biex jeżaminahom u jirrappurtalu dwarhom, bil-ħsieb tal-approvazzjoni ta' din l-inizjattiva ambizzjuża waqt il-laqgħa tiegħu f'Marzu 2009 u tat-tnedija tas-Sħubija tal-Lvant waqt summit mal-pajjiżi sħab organizzat mill-Previdenza Ċeka li jmiss.

¹ Armenja, Azerbajġan, Bjelorusija, Ġeorġja, Repubblika tal-Moldova, Ukraina

Politika Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difiża

30. Il-Kunsill Ewropew juri r-rieda tiegħu li jagħti, permezz tad-dikjarazzjoni meħmuża¹, spinta għda lill-Politika Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difiża. Filwaqt li tirrispetta l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-deċiżjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, din il-politika ser tkompli tiżviluppa b'komplimentarjetà sħiħa man-NATO fil-qafas miftiehem tas-sħubija strateġika bejn l-UE u n-NATO u fir-rispett tal-awtonomija deċiżjonali u l-proċeduri rispettivi tagħhom. Għal dan l-għan, il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-analiżi tar-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà tal-2003 u jendorsja d-dikjarazzjonijiet adottati mill-Kunsill², li jaqblu dwar objettivi ġodda biex jissaħħu u jiġu ottimizzati l-kapaċitajiet Ewropej fis-snin li ġejjin u jissottolinjaw ir-rieda tal-UE li taġixxi għas-servizz tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali waqt li tikkontribwixxi konkretament għas-sigurtà taċ-ċittadini tiegħu.

¹ Ara l-Anness 2.

² Ara r-referenzi li jinsabu fl-Anness 6

**Dikjarazzjoni tat-Tħassib tal-Poplu Irlandiż dwar it-Trattat ta' Lisbona
kif ippreżentat mill-Prim Ministru Irlandiż**

- a) Li jiġi żgurat li jiġu rrispettati l-esiġenzi tal-Irlanda rigward iż-żamma tal-politika tradizzjonali ta' newtralità;
- b) Li jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona mhumix ser jaffettwaw it-tkomplija tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni Irlandiża rigward id-dritt għall-ħajja, l-edukazzjoni u l-familja;
- c) Li jiġi żgurat li fil-qasam fiskali t-Trattat ta' Lisbona bl-ebda mod ma jibdel il-limitu jew l-operat tal-kompetenzi tal-Unjoni;
- d) Li jiġi kkonfermat li l-Unjoni tagħti importanza kbira:
- lill-progress soċjali u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema;
 - lis-servizzi pubbliċi, strument indispensabbli tal-koeżjoni soċjali u reġjonali;
 - lir-responsabbiltà tal-Istati Membri fl-għoti tas-servizzi tal-edukazzjoni u tas-saħħa;
 - lir-rwol essenzjali u s-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali biex jipprovdu, jiżguraw it-twettiq u jorganizzaw is-servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali li mhuma milquta minn ebda dispożizzjoni tat-Trattat ta' Lisbona, inklużi dawk relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew

Trattat ta' Lisbona - Miżuri transitorji rigward

il-Previdenza tal-Kunsill Ewropew u l-Previdenza tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin

Fil-każ li t-Trattat ta' Lisbona jidħol fis-seħħ f'data meta tkun diġà bdiet Previdenza ta' sitt xhur tal-Kunsill, il-Kunsill Ewropew jaqbel li, b'mod transitorju, sabiex jittieħed kont tal-ħidma preparatorja u tiġi żgurata t-tkomplija armonjuża tal-ħidma:

- l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li f'dak il-mument ikollu l-Previdenza ta' sitt xhur tal-Kunsill għandu jkompli jippresjedi l-bqija tal-laqqgħat fir-rigward tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew kif ukoll il-laqqgħat ma' pajjiżi terzi sat-tmiem ta' dawk is-sitt xhur;
- il-Previdenza ta' sitt xhur tal-Kunsill ta' wara ser tkun responsabbli biex tiegħu l-miżuri konkreti meħtieġa relatati mal-aspetti organizzattivi u materjali tal-Previdenza tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin matul is-sitt xhur fejn dak l-Istat Membru jkollu l-Previdenza, skont it-Trattat. Dwar dawn il-kwistjonijiet, ser tiġi stabbilita konsultazzjoni mill-qrib bejn din il-Previdenza u l-President (elett) tal-Kunsill Ewropew u r-Rappreżentant Għoli (propost) tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew

**Trattat ta' Lisbona - Miżuri transitorji rigward
il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew**

Fil-każ li t-Trattat ta' Lisbona jidħol fis-seħħ wara l-elezzjonijiet Ewropej ta' Ġunju 2009, ser jiġu adottati miżuri transitorji mill-aktar fis possibbli, skont il-proċeduri legali meħtieġa, sabiex jiżdied, sa tmiem it-terminu parlamentari 2009-2014, f'konformità man-numri previsti fil-qafas tal-KIG li approvat it-Trattat ta' Lisbona, in-numru ta' MEPs tat-tnax-il Stat Membru li n-numru ta' MEPs tagħhom kellu jiżdied. Għalhekk, in-numru totali ta' MEPs ser jgħaddi minn 736 għal 754 sa tmiem it-terminu parlamentari 2009-2014. L-objettiv huwa li din il-modifika għandha tidħol fis-seħħ, jekk possibbli, matul l-2010.

Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew

Trattat ta' Lisbona - Ħatra tal-Kummissjoni futura

Il-Kunsill Ewropew jaqbel li l-proċess tal-ħatra tal-Kummissjoni futura, b'mod partikolari l-ġażla tal-President tagħha, ser jinbeda mingħajr dewmien wara l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ta' Ġunju 2009.

ANNEX 2

**DIKJARAZZJONI TAL-KUNSILL EWROPEW DWAR IT-TISĦIĦ TAL-POLITIKA
EWROPEA TA' SIGURTÀ U TA' DIFIŻA (PESD)**

1. Għal dawn l-aħħar għaxar snin l-Unjoni Ewropea affermat lilha nnifisha bħala attur politiku fuq skala dinjija. Hija assumiet responsabbiltajiet dejjem akbar, kif jixhdu l-operazzjonijiet ċivili u militari tagħha, dejjem aktar ambizzjużi u diversifikati, favur multilateraliżmu effettiv u favur il-paċi.
2. L-azzjoni tal-Unjoni għadha tibbaża fuq analiżi kondiviża tat-theddid u tar-riskji għall-interessi komuni tal-Ewropej. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-analiżi ppreżentata mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, flimkien mal-Kummissjoni, fid-dokument li jeżamina mill-ġdid l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' sigurtà tal-2003 sabiex tittejjeb u tiġi kkompletata b'elementi ġodda. Dan id-dokument juri l-persistenza tat-theddid identifikat fl-2003 iżda anke l-fatt li nibtu riskji ġodda li jafu jheddu, direttament jew indirettament, is-sigurtà tal-UE u li din trid tittratta globalment.

3. Biex jilqa' għal dawn l-isfidi, il-Kunsill Ewropew fi ħsiebu jirrimedja għan-nuqqas ta' mezzi disponibbli fl-Ewropa billi jtejjeb progressivament il-kapaċitajiet ċivili u militari. Dan l-isforz huwa wkoll il-kondizzjoni li tippermetti lill-Ewropej jassumu b'mod kredibbli u effettiv ir-responsabbiltajiet tagħhom fil-qafas ta' Sħubija Transatlantika mġedda, li għalih il-Kunsill Ewropew jerġa' jafferma l-impenn tiegħu. Għal dan l-għan huwa jappoġġa d-dikjarazzjoni dwar il-kapaċitajiet adottata mill-Kunsill, li tistabbilixxi objettivi kwantitattivi u preċiżi sabiex, fis-snin li ġejjin, l-UE tkun tista' tmexxi simultanjament, barra mit-territorju tagħha, serje ta' missjonijiet ċivili u operazzjonijiet militari ta' skali differenti, li jikkorrispondu għax-xenarji l-aktar probabbli¹.
4. Din l-ambizzjoni mġedda tirrikjedi impenn biex jiġu żviluppati kapaċitajiet robusti, flessibbli u interoperabbli. Dan isir, fuq bażi volontarja, permezz ta' formoli innovattivi ta' speċjalizzazzjoni, ta' reċiproċità u ta' kondivżjoni ta' proġetti kbar ta' tagħmir, bi prijorità għall-qasam tal-ippjanar, tal-maniġġar tal-kriżijiet, tal-ispazju u tas-sigurtà marittima. F'dan ir-rigward, id-dikjarazzjoni dwar il-kapaċitajiet tissottolinja diversi proġetti konkreti f'setturi essenzjali. Il-Kunsill Ewropew jesprimi d-determinazzjoni tiegħu li jappoġġa dan l-isforz fit-tul u jappella lill-Istati Membri biex isarrfu dawn l-impenji fl-esiġenzi nazzjonali fil-qasam tat-tagħmir.

¹ L-Ewropa għandha tkun effettivament kapaċi, fis-snin li ġejjin, fil-qafas tal-livell tal-ambizzjoni stabbilita, li tiskjera b'mod partikolari 60 000 persuna f'60 jum għal operazzjoni maġġuri, fil-firxa tal-operazzjonijiet previsti fl-objettiv globali tal-2010 u fl-objettiv globali ċivili tal-2010, li tippjana u tmexxi fl-istess ħin:

- żewġ operazzjonijiet importanti ta' stabbilizzazzjoni u ta' rikostruzzjoni, b'komponent ċivili adegwat, appoġġat minn massimu ta' 10 000 persuna għal mill-anqas sentejn;
- żewġ operazzjonijiet ta' rispons rapidu ta' tul ta' żmien limitat b'mod partikolari bl-użu tar-raggruppamenti tattiki tal-UE;
- operazzjoni ta' evakwazzjoni urġenti ta' ċittadini Ewropej (f'inqas minn għaxart ijiem) b'kont meħud tar-rwol prinċipali ta' kull Stat Membru fir-rigward ta' ċittadini u permezz tal-użu tal-kunċett ta' Stat Mexxej konsulari;
- missjoni ta' sorveljanza / interdizzjoni marittima jew bl-ajru;
- operazzjoni ċivili-militari ta' assistenza umanitarja li ttul sa 90 jum;
- madwar tnax-il missjoni ċivili tal-PESD (b'mod partikolari missjonijiet tal-pulizija, tal-istat tad-dritt, ta' amministrazzjoni ċivili, ta' protezzjoni ċivili, ta' riforma fis-settur tas-sigurtà jew ta' osservazzjoni) b'formati differenti, inkluża s-sitwazzjoni ta' reazzjoni rapida, bl-inklużjoni ta' missjoni maġġuri (eventwalment sa 3 000 espert), li jistgħu jdumu diversi snin.

Għal dawn l-operazzjonijiet u l-missjonijiet, l-Unjoni Ewropea tagħmel użu, b'mod adatt u skont il-proċeduri tagħha, minn mezzi u kapaċitajiet tal-Istati Membri, tal-Unjoni Ewropea u, fejn ikun il-każ għall-operazzjonijiet militari tagħha, tan-NATO.

5. Ir-rikostruzzjoni tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea, b'mod partikolari madwar ċentri ta' eċċellenza Ewropea, bl-evitar tad-duplikazzjoni, sabiex tiġi żgurata s-solidità u l-kompetittività tagħha, tikkostitwixxi hteġa strateġika u ekonomika. Hija tappella għal tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' governanza tal-impriżi, sforz akbar tar-riċerka u t-teknoloġija, u dinamizzazzjoni tas-suq Ewropew tal-armi. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jappella għal finalizzazzjoni rapida tad-direttivi dwar it-trasferiment intrakomunitarju ta' merkanzija ta' difiża u dwar l-akkwist pubbliku fid-difiża.

Il-Kunsill Ewropew jappoġġa wkoll id-deċiżjoni li tinbeda inizjattiva, ispirata mill-programm Erasmus, sabiex tiffavorixxi l-iskambji ta' uffiċjali Ewropej żgħażaġh.

6. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Ġholi bil-ħsieb li tkun stabbilita struttura ġdida unika ta' ppjanar strateġiku ċivili-militari għall-operazzjonijiet u l-missjonijiet tal-PESD.
7. Il-Kunsill Ewropew jinnota r-rieda tal-Unjoni li tissokta bl-appoġġ li hija tagħti lin-Nazzjonijiet Uniti kif ukoll għall-isforzi tal-organizzazzjonijiet reġjonali ta' sigurtà, inkluża l-Unjoni Afrikana, għall-promozzjoni tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali. Huwa jirriafferma wkoll l-oġġettiv li jsaħħaħ is-sħubija strateġika bejn l-UE u n-NATO sabiex jadattaha għall-ħtiġiet attwali, fi spirtu ta' tisħiħ reċiproku u rispett tal-awtonomija ta' deċiżjoni tagħhom. Għal dan l-għan huwa jappoġġa l-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma informali ta' livell għoli UE-NATO sabiex itejjeb b'mod prammatiku l-kooperazzjoni bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet fuq il-post. Huwa jfakkar fil-hteġa li jkun sfruttat bis-sħiħ il-qafas miftiehem li jippermetti li l-alleanzi Ewropej li mhumex membri tal-UE jkunu assoċjati mal-PESD, f'konformità mal-proċeduri tal-Unjoni.

8. Fl-aħħar nett il-Kunsill Ewropew jendorsja d-dikjarazzjoni dwar is-sigurtà internazzjonali adottata mill-Kunsill, li jiddeċiedi dwar azzjonijiet konkreti biex jippermetti lill-UE jkollha rwol aktar attiv fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-proliferazzjoni tal-Armi tal-Qerda Massiva, il-kriminalità organizzata u ċ-ċiberattakki. Huwa jitlob lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jiżguraw l-implimentazzjoni konkreta tagħha permezz tal-linji politiċi u l-istrumenti adatti.
-

Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew dwar il-Lvant Nofsani

Il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani ser jibqa' prijorità ewlenija għall-Unjoni Ewropea fl-2009. Paċi ġusta, dejjiema u komprensiva hija meħtieġa b'mod urġenti. L-UE ser tagħmel dak kollu li tista' kemm fil-livell prattiku kif ukoll dak politiku biex il-proċess ta' paċi jitmexxa 'l quddiem is-sena d-dieħla, billi taħdem mill-qrib mas-sħab internazzjonali tagħna, u partikolarment fil-Kwartett, biex tippromwovi soluzzjoni għall-konflitt bejn l-Iżrael u l-Palestina abbażi ta' żewġ stati li jgħixu fil-paċi u s-sigurtà. L-UE ser tappoġġa wkoll id-diskussjonijiet bejn l-Iżrael u s-Sirja, u jekk ikun possibbli l-Libanu. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-isforzi biex tiġi stimolata l-Inizjattiva Għarbija għall-Paċi, (inkluż l-ittra tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin Għarab lill-President elett, Barack Obama), bħala parti minn approċċ komprensiv għal paċi bejn l-Iżrael u r-reġjun kollu. Aħna nħeġġu lill-Istati Uniti biex taħt l-amministrazzjoni l-ġdida tagħha tingħaqad magħna biex il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani jsir prijorità immedjata u ċentrali.

Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew dwar iż-Żimbabwe

Il-Kunsill Ewropew esprima t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni umanitarja li sejra għall-aghār fiż-Żimbabwe. Hu appella għar-rilaxx immedjat tal-persuni miżmuma fiżolament, bħad-difensura tad-drittijiet tal-bniedem is-Sinjura Mukoko. Huwa appella għall-aċċess immedjat tal-ghajjnuna umanitarja, partikolarment fid-dawl tal-epidemija tal-kolera li qiegħda tinfirex.

Aktar minn qatt qabel issa huwa urġenti li l-partijiet politiċi leġittimi kollha jsibu soluzzjoni li tirrifletti l-eżitu tal-elezzjonijiet li saru aktar kmieni din is-sena.

ANNEX 5

Dikjarazzjoni mill-Kunsill Ewropew dwar l-Isport

Il-Kunsill Ewropew jagħraf l-importanza tal-valuri marbuta mal-isport, li huma essenzjali għas-soċjetà Ewropea.

Huwa jenfasizza l-ħtieġa li jittieħed kont tal-karatteristiċi speċifiċi tal-isport, saħansitra lil hinn mid-dimensjoni ekonomika tiegħu.

Huwa jilqa' l-implimentazzjoni ta' djalogu kostruttiv fil-qafas tal-ewwel Forum Ewropew dwar l-Isport organizzat mill-Kummissjoni Ewropea.

Huwa jappella għat-tisħiħ ta' dan id-djalogu mal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali u mar-rappreżentanti tad-dinja sportiva, partikolarment dwar il-kwistjoni tat-"taħriġ doppju" sportiv u edukattiv għaż-żgħażaġh.

Lista ta' dokumenti ta' referenza ppreżentati lill-Kunsill Ewropew

- Rapport tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli dwar l-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà' (dok. 17104/08)
 - Dikjarazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà' u ta' Difiża (dok. 16840/08)
 - Dikjarazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar is-sigurtà' internazzjonali (dok. 16751/08)
 - Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-inklużjoni tar-Rom (dok. 15976/1/08 REV 1)
 - Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar il-Politika Marittima Integrata (dok. 16503/1/08 REV 1)
 - Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar it-Tkabbir (dok. 16981/08)
 - Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (dok. 13712/08)
-